**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 2058/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Johan Vella**

**Illum, 24 ta' Gunju, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Johan Vella** detenur tal-karta tal-identita Maltija **569580M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Nhar it-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elfejn tlieta u ghoxrin (2023), f'dawn il-gzejjer, permezz ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika ghamel uzu mhux xieraq bih;

2. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi uzajt kliem jew imgieba ta' theddid, abbuzivi jew insolent, jew esebixxejt xi materjal mitkub jew stampat li kien ta' theddid, abbuziv jew insolent jew xort'ohra gibt ruhek b'dak il-mod, bil-hsieb li b'hekk tqajjem vjolenza jew mibeghda razzjali kontra xi persuna ohra jew grupp ta' persuni fuq bazi ta' generu, identita' tal-generu, orjentazzjoni

sesswali, razza, kulur,lingwa, origini, etnika, religjon jew twemmin jew oppinjoni politika jew opinjoni ohra w jew b'hekk hloqt il-probbabilita' li, meta iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza jew mibeghda razzjali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta'nhar it-30 ta' Jannar,2024, fejn sabet lill-imputat appellant Johan Vella hati ta' l-akkuzi kif dedotti u kkundannatu komplessivament ghall-piena ta' prigunerija ta' disa' (9) xhur izda, bis-sahha tl-Artikolu 28A tal-Kpa 9, ordnat li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija; flimkien ma multa fis-somma komplessiva ta' hamest elef euro (€5,000). Skond l-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil Johan Vella fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbilitajiet tieghu taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, rat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Johan Vella prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-14 ta' Frar,2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- **THASSAR** u **TIRREVOKA** dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti u minflok tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija u piena;
- F'kull kaz u sussidjarjament, **TIRRIFORMA** l-parti tas-sentenza koncernati l-piena inflitta fil-konfront tal-appellant u minnflok tinfliggi piena aktar idonea skont ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

**<u>A. Nullita' tas-Sentenza Appellata</u>**

- Illi primarjament jiġi rilevat li t-trattazzjoni li saret nhar 1-10 ta' Jannar, 2024 kif korrettement indikat fil-verbal tal-istess ġurnata li jinsab a fol 69 tal-proċess ma ġietx traskritta. Dan huwa evidentement car mill-istess process fejn sussegwentement ghall-verbal a fol 69 wiehed isib a fol 70 id-dikjarazzjoni tad-Deputat Registratur Shawn Vella filwaqt li min a fol 71 sa a fol 76 wiehed isib is- sentenza, a fol 77 hemm il-formola għas-sospensjoni tal-proċeduri kif iffirmata mill-appellant, a fol 78 tinsab il-garanzija bi pleġġ ukoll iffirmata mill-appellant, u finalment a fol 79 insibu l-verbal ta' nhar it-30 ta' Jannar, 2024 li jındika li ngħatat is-sentenza li minnha qiegħed jiġi interpost dan l-umpli appell,

- Illi gialadarba x-xhieda mogħtija viva voce matul dawn il-proċeduri fil-preżenza tal-Ewwel Qorti ġiet dejjem traskritta, huwa ferm ingust li t-trattazzjoni ma ġietx traskritta u inserita fl-atti wara l-verbal tal-10 ta' Jannar, 2024, u dan ghaliex bħal kull proċedura oħra, minbarra l-provi li jkunu ġew preżentati matul il-kors tal- kawża, permezz tat-trattazzjoni jsiru l-argumenti principali u legali tal-partijiet. Illi l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 284 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Att dwar ir-Registrazzjoni Elettro-Manjetika ta' Procedimenti jispečifika: "Minkejja kull disposizzjoni f'xi ligi ohra, kull qorti tista' tordna li l-procedimenti taghha jew xi parti minnhom jigu registrati b 'mezzi elettro-manjetici.";

- Illi l-provvediment taħt l-Artikolu 3(2) tal-Kap. 284 ikompli jgħid: "Izda, ukoll, kull qorti tista' tordna li parti biss tal-proċedimenti tigi traskritta.";

- Illi l-Artikolu 2 tal-Kap. 284 jiddefinixxi 1-kelma "procedimenti" bhala dik li "tinkludi xiehda, sottomissjonijiet verbali, deċiżjoni ta' arbitru, konstatazzjoni, ordni, digriet, dečiżjoni jew sentenza u kull kliem li jinghadu fil-qorti bil-miftuh jew in camera waqt it-tmexxija tax-xoghol tal-qorti;"

- Illi għalhekk meta wiehed janalizza l-Artikolu 2 u l-Artikolu 3(1) u 3(2) tal-Kap. 284 jista' jingħad li t-trattazzjoni tifforma parti mill-procedimenti għaliex hija sottomissjoni verbali;

- Illi fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-proċedimenti, jista' jiġi kkonfermat mill-proċess ta' dawn il-proċeduri li mkien ma hemm ordni mill-Ewwel Qorti sabiex il-procedimenti jew parti minnhom biss jiġu traskritti. Madankollhu, huwa evidentement car li ġialadarba dak li seħħ matul dawn il-proċeduri ġie traskritt, inkluż ix-xhieda tal-kwerelant u tal-provi kollha mressqa mill-prosekuzzjoni, kien ferm inġust li t-traskrizzjoni tat-trattazzjoni biss tithalla barra,

- Illi dan iqajjem dubji serji jekk l-imputat fil-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti ngħatax smiegh xieraq u dan għaliex għalkemm huwa kkonfermat li t-trattazzjoni saret (ara a fol 69 tal-proċess) u fis-sentenza mogħtija nhar it-30 ta' Jannar, 2024 hemm indikat li l-Ewwel Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet (ara a fol 70) din ma tidher imkien fil-proċess,

- Illi filwaqt li sabiex tagħti d-deċiżjoni tagħha l-Ewwel Qorti kellha f'ideja t-traskrizzjoni ta' dak kollhu li ġara u setgħet terġa' tagħrbel dak kollhu li seħħ matul il-proċeduri, it-trattazzjoni kienet nieqsa u għalhekk jitqajmu dubji serji kemm il-ġudikant għarbel dak li ingħad fit-trattazzjoni,

- Illi ulterjorment fis-sentenzi mogħtija mill-qrati tal-ewwel istanza, generalment issir referenza għat-trattazzjoni li tkun saret mill-partijiet. Madankollhu fis-sentenza li qiegħda isir dan l-appell minnha m'hemm l-ebda referenza għat-trattazzjoni li saret mid-difensur tal-imputat illum appellant iżda biss referenza li semgħet it-trattazzjoni li diġa kienet ġiet dikjarata li seħħet fil-verbal datat 1-10 ta' Jannar, 2024 (ara a fol 69 u a fol 72);

- Illi dan kollhu jkompli jikkonferma u joħloq dubji kbar kemm fil-fatt it-tali trattazzjoni ttiehdet in kunsiderazzjoni. M'hemm l-ebda dubju li l-qrati ta' Malta kuljum jaffaċċjaw ghexieren ta' kawżi. Għalhekk sabiex qorti tkun tista' tieħu dik id-deċiżjoni gusta, għandu jkollha f'idejha 1-provi kollha, inkluż it-trattazzjoni tal- partijiet,

- Illi f'dan il-każ wieħed ma jistax jikkonferma jekk attwalment it-trattazzjoni ttehditx in kunsiderazzjoni għaliex m'huwiex maghruf kemm ftakar mit-trattazzjoni l-ġudikant, u dan sempliċiment għaliex fil-proċess imkien ma tinstab dik it-traskrizzjoni. B'zieda ma dan, imkien fis-sentenza tal-Ewwel Qorti ma ssir referenza ghall-argumenti mqajjma mid-difiża u r-raġuni għalfejn dawn gew skatarti o meno,

- **<u>B. Apprezzament tal-Provi</u>**

- *Data tar-Rapport*

- Illi jeżisti kunflitt ta' provi fuq meta attwalment sar ir-rapport mill-kwerelant. Fuq ir-rapport tal-pulizija li jinsab a fol 2 et seq hemm indikat li r-rapport sar nhar 1- 20 ta' Marzu, 2023 kif ukoll li l-inċident beda nhar it-2 ta' Marzu, 2023 u baqa' ghaddej sat-3 ta' Marzu, 2023. Dan ir-rapport ġie kkonfermat mill-Ispettur Dorianne Tabone nhar is-27 ta' Novembru, 2023 (ara a fol 21),

- Illi madankollhu, il-kwerela li wkoll hija ppreżentata mill-prosekuzzjoni u tinsab a fol 6 sa 7 tal-proċess, m'għandha l-ebda data filwaqt li l-kwerelant in-Nutar Robert Aquilina fix-xhieda tiegħu mogħtija nhar is-27 ta' Novembru,

2023 specifikament a fol 25 tal-proċess jghid: "U allura, jiena fit-3 ta' Marzu 2023, ghamilt rapport lill-Korp tal-Pulizija",

- Illi dan ifisser li hemm diskrepanza fid-dati li jindikaw meta sar dan ir-rapport għaliex fuq naha waħda għandek ir-rapport tal-pulizija li ġie sussegwentement ikkonfermat mill-Ispettur Dorianne Tabone li jindika 1-20 ta' Marzu, 2023 u l-kwerela li hija mingħajr data filwaqt li fuq in-naħa l-oħra għandek il-kwerelant li jgħid li r-rapport minnhu sar nhar it-3 ta' Marzu, 2023;

- Illi minkejja din id-diskrepanza, l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha naqset milli tindirizza t-tali sabiex b'hekk inħolqot incertezza rigward dawn il-fatturi, u dan minkejja li din il-kwistjoni effettivament tqajjmet fit-trattazzjoni li saret mid-difensur tal-imputat, li kif diġa ngħat ma ġietx traskritta u lanqas indirizzata fis- sentenza;

**<u>L-Ewwel Akkuża</u>**

- 22. Illi l-imputat, illum appellant, ġie akkużat li nhar it-2 ta' Marzu, 2023 huwa kkommetta r-reat kontemplat taht 1-Artikolu 49(c) tal-Kap. 399. Jingħad li sabiex dan ir-reat jissussiti, irid jiġi ppruvat 'lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, li t-tali reat ġie kommess mill-imputat kif ukoll li dan sehh nhar it-2 ta' Marzu, 2023;

- 23. Illi f'dan ir-rigward u fl-ewwel lok, ser jigi analizzat jekk ġiex ippruvat sal-oneru tal-prova rikjest fil-kamp kriminali li l-kumment sarx mill-imputat innifsu jew le,

- 24. Illi m'hemm l-ebda dubju li l-kumment in diżamina sar minn persuna/persuni fuq il-pjattaforma Facebook, sewwa sew fuq il-post ixxerjata minn Godwin Schembri tal-post ippublikata min-Nutar Robert Aquilina;

- 25. Illi madankollhu mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma ġiex ikkonfermat 'lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li kien l-imputat li għamel użu mill-profil bl-isem Johan Beverley Vella' u konsegwentement ghamel it-tali kumment,

- 26. Illi mkien f'dawn il-proċeduri ma ġie kkonfermat bi preċiżjoni min jagħmel użu mill-profil bl-isem 'Johan Beverley Vella'. Il-kwerelant jidher li ma jafx lill-imputat u għalhekk fl-ebda hin ma seta jipprova li l-kumment attwalment sar mill- imputat. Ix-xhud Godwin Schembri qal fix-xhieda tiegħu li huwa ġieghli ra posts ippublikati mill-profil 'Johan Beverley Vella' iżda mkien ma qal li huwa jaf lill- imputat personalment u jaf li attwalment jagħmel użu minn dak il-profil;

- 27. Illi rigward dan il-punt, l-aqwa prova kellha tkun ir-rapport ta' PC 1551 Kenneth Mario Muscat. Pero' ghal darb'oħra hawnhekk ukoll kien hawn nuqqas kbir għaliex fix-xhieda tiegħu l-istess PC 1551 Kenneth Mario Muscat jghid "Sfortunatament ippruvajna nsibu l-kumment li kien fuq il-post imma l-kumment, jew kien imhassar. Ma stajniex insibuh. Ma kienx ghadu hemmhekk fil-post ta' Godwin Scerri." (ara a fol 44). Għalhekk mhux talli fl-ebda punt fir-rapport ma ġie kkonfermat li l-profil bl-isem 'Johan Beverley Vella' jiġi amministrat minn Johan Vella tant illi l-post ma baqgħetx teżisti u ma ġiex ikkonfermat minn hassara;

- 28. Illi mhux talli hekk, talli x-xhud Godwin Schembri jdaħħal ukoll id-dubju jekk il- kumment setax thassar minn min għamlu jew alternattivament mill-amministraturi tal-pjattaforma Facebook innifsu;

- 29. Illi huwa fatt ben magħruf li fuq il-pjattaforma Facebook jeżistu profili foloz. Jingħad li dan seta' ġie facilment ippruvat billi l-prosekuzzjoni talbet konferma lill-amministraturi tal-pjattaforma Facebook sabiex jottjenu konferma ta' min hu 1-amministratur tal-profil bl-isem 'Johan Beverly Vella', kif isiru f'istanzi ohra sabiex jiġi kkonfermat id-detentur tal-kont. Il-prosekuzzjoni setghet ukoll ottjeniet konferma billi investigat 1-apparat/i elettroniku li jagħmel użu minnhu jew minnhom l-imputat b'tentattiv li tistabbilixxi jekk hemmx konnessjoni bejn il-profil bl-isem 'Johan Beverley Vella' u l-imputat innifsu u b'hekk kienet telimina kull dubju fuq min jamministra dan il-profil;

- 30. Illi fin-nuqqas li jiġi kkonfermat min kien qiegħed jagħmel uzu mill-profil bl-isem Johan Beverley Vella', l-imputat ma seta' qatt jiġi misjub hati li għamel użu hazin ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni u għal dawn ir-raġunijiet ma setgħet qatt tirriżulta u għalhekk għandu jigi lliberat minnha,

- 31. Illi li l-Ewwel Qorti fin-nuqqas ta' dawn il-provi titlaq mal-ewwel bil-kliem "irriżulta mingħajr ebda dubju" (ara a fol 72) u wara li tindirizza x-xhieda mogħtija min-Nutar Robert Aquilina u Godwin Schembri, tkompli billi tgħid "Illi ghalhekk, a bażi tar-riżultanzi proċesswali, il-konklużjoni hi li l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-każ taghha kontra l-imputat Johan Vella skond il-ligi." (ara a fol 75), u dan mingħajr ma tindirizza r-riżultanzi tar-rapport redatt minn PC 1551 a Kenneth Mario Muscat li ma jikkonferma xejn għajr il-post tan-Nutar Robert Aquilina kif ukoll il-post li xxerja Godwin Schembri;

- 32. Illi l-konklużjoni tal-Ewwel Qorti hija ferm perikoluża u dan għaliex qiegħda twassal il-messaġġ fejn wieħed jista', tramite kont falz, ihalli kumment u li fir- rigward tieghu isir rapport. Sussegwentement ghall-kumment minn profil falz u permezz ta' żewġ (2) persuni li jikkonfermaw xi nkiteb fix-xhieda tagħhom, minkejja provi xort' ohra, il-Qorti tghaddi sabiex temminhom u konsegwentement ssib lill-akkużat hati;

- 33. Illi din certament m'hijiex ġustizzja iżda nuqqas kbir da parti tal-Ewwel Qorti li bhal donna nsiet 1-obbligi tagħha sabiex tagħraf il-verita' u dan gahliex riedet akkost ta' kollox issib lill-imputat hati,

- 34. Illi għalhekk għal dawn ir-raġunijiet jingħad li ma ġiex ikkonfermat 'lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li kien l-imputat li għamel użu mill-profil bl-isem Johan Beverly Vella' u konsegwentement għamel it-tali kumment;

- 35. Illi fit-tieni lok, l-akkuża tispeċifika li l-allegat reat seħħ nhar it-2 ta' Marzu, 2023. Dan ifisser li l-akkuża hija speċifikata u limitata għall-ġurnata tat-2 ta' Marzu, 2023;

- 36. Illi fir-rigward tad-data meta seħħ dan l-allegat reat jingħad li mingħajr ebda dubju l-aqwa prova hija l-post ixxerjata Godwin Schembri tal-post originarjament ippublikata minn Robert Aquilina li kellha tindika id-data u l-ħin preċiż li saret fiha. Il-kwerelant fix-xhieda tiegħu (ara a fol 24-27) mkien ma jikkonferma 1- ġurnata li huwa effettivament għamel il-post mill-profil tiegħu bl-isem 'Robert Aquilina li jigi amministrat minnhu stess,

- 37. Illi x-xhud Robert Aquilina jgħid "Fl-1 ta' Marzu, 2023, jiena ghamilt konferenza tal-aħbarijiet quddiem l-uffiċċju pubbliku tal-eks Prim Ministru Joseph Muscaf' (ara a fol 24), fatt li huwa rrelevanti għal dawn il-proċeduri. Minkejja l-irrelevanza ta' dan il-punt, l-Ewwel Qorti għażlet li tagħmel elogju shih fuq dak li sehh fl-1 ta' Marzu, 2023;

- 38. Illi kienet erronja l-Ewwel Qorti meta qalet "Illi ma hemmx dubju li l-press conference li ghamel Robert Aquilina, li tifforma parti mill-mertu ta' din il-kawża, kienet wahda cara, diretta, iżda fuq kollox pacifika". LE, il-press conference m'hijiex il-mertu ta' din il-kawża. Il-mertu kien in-natura tal-kumment li sar fuq il-post ta' Robert Aquilina kif ixxerjata minn Godwin Schembri;

- 39. Illi huwa wkoll irrelevanti għal dawn il-proċeduri r-referenzi kollha li għamlet 1- Ewwel Qorti rigward Joseph Muscat, u dan ghas-sempliċi raġuni li huwa ma kienx parti minn dawn il-proċeduri;

- 40. Illi x-xhud Robert Aquilina jkompli jghid "Fit-2 ta' Marzu, l-għada, 2023, kont ġejt infurmat minn Godwin Schembri li ċertu Johann Vella, li juża profil ta' Facebook bl-isem Johann Beverly Vella, kien ghamel kumment taht dan il-post ta' Godwin Schembri.",

- 41. Illi dan ifisser li x-xhud Robert Aquilina naqas milli jikkonferma bil-ġurament tiegħu meta huwa effettivament għamel il-post li sussegwentement ġiet ixxerjata minn Godwin Schembri iżda jirreferi biss għal meta għamel il-press conference u meta kkuntattjah Godwin Schembri;

- 42. Illi flimkien mal-kwerela li saret min-Nutar Robert Aquilina huwa annetta l-post ippublikata minnhu, il-post li evenwalment ixxerja Godwin Schembri u l- kumment li allegatament sar mill-appellant (ara a fol 8). Kemm il-post originali, 1-post ixxerjata minn Godwin Schembri kif ukoll il-kumment mill-profil bl-isem 'Johann Beverley Vella' huma lkoll mingħajr data;

- 43. Illi għalkemm Godwin Schembri fix-xhieda tiegħu jagħmel referenza għad-data li fiha xxerja l-post tan-Nutar Robert Aquilina, ix-xhieda tiegħu f'dan ir-rigward m'hijiex l-aqwa prova. Jingħad li l-aqwa prova hija l-post infisha li mkien ma tidher fuqha d-data kompluta ta' meta ġiet ippubblikata,

- 44. Illi għalkemm Godwin Schembri permezz ta' Dok GS 1 ippreżenta screenshot tal- post in kwistjoni din tindika biss it-2 a' Marzu mingħajr ma tindika s-sena. Huwa permezz ta' Dok GS 2 ippreżenta wkoll il-kumment li allegatament sar mill- appellant, li la jindika d-data u lanqas il-ħin preċiż li fih sar,

- 45. Illi fl-umli opinjoni tal-appellat, ix-xhieda ta' Godwin Schembri mogħtija nhar it- 30 ta' Novembru, 2023 u li tinsab a fol 33 sa 40 tal-process m'għandhiex mis- sewwa speċjalment għaliex dan ix-xhud jidher li huwa ferm parzjali u inklinat lejn Robert Aquilina, il-mexxej tal-għaqda Repubblika li huwa tant isegwi, u dan ghar- raġunijiet li ser jiġu ndirizzati aktar 'I isfel f'dan l-umpli appell;

- 46. Illi abbinat ukoll mad-data li fiha sehh dan l-allegat reat insibu wkoll ir-rapport redatt minn PC 1551 Kenneth Mario Muscat stazzjonat ġewwa s-Cyber Crime Unit li kien inkarigat sabiex jippriserva l-post li sar minn Godwin

Schembri. PC 1551 Kenneth Mario Muscat ippreżenta r-rapport redatt minnhu li ġie mmarkat bħala Dok KMM 1 u li jinsab a fol 46 et seq tal-proċess;

- 47. Illi minn analizi tar-rapport immarkat bħala Dok KMM 1 imkien ma jirriżulta l- ġurnata li effettivament saret il-post minn Robert Aquilina u sussegwentement ixxerjata minn Godwin Schembri. A fol 51A u 53 tar-rapport immarkat Dok KMM 1 huma biss korrispondenza mibgħuta mill-kwerelant fejn, kif diga ngħad, il-posts u l-kumment m'humiex datati. Fis-sezzjoni tal-preservazzjoni speċifikament f'a fol 55 tidher biss 2 ta' Marzu mingħajr ebda indikazzjoni tas- sena. Fil-kumplament tar-rapport, il-kumment ma jidher imkien għaliex ġie allegat li tneħħa mingħajr ebda konferma ta' min effettivament neħħieh;

- 48 Illi minkejja li l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha tibda immedjatament billi tgħid "Illi minn eżami akkurat tar-riżultanzi proċesswali, irriżulta mingħajr ebda dubju s-segwenti", fid-dawl ta' dan kollhu ma setgħet qatt tikkonferma li l-akkużi kif dedotti u čioe li attwalment seħħew fit-2 ta' Marzu, 2023 għaliex hadd mix-xhieda ma kkonferma d-data u lanqas tider id-data kompluta fuq il-posts u l-kumment,

- 49. Illi fit-tielet lok, l-akkuża tispeċifika li seħħet f'dawn il-Gżejjer, u għaldaqstant limitata għall-Gżejjer ta' Malta biss;

- 50. Illi huwa wkoll fatt mhux ikkontestat li dan l-allegat reat sar permezz tan-network onlajn 'Facebook' li jintuża internazzjonlment. Gialadarba ġie allegat li dan sehh f'dawn il-Gżejjer, kien jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li ġġib l-aqwa prova f'dan ir-rigward, u čioe 1-IP address tal-kummentatur mill-profil bl-isem 'Johan Beverley Vella';

- 51. Illi fin-nuqqas tal-prova tal-IP address, li kienet tipprova l-lok minn fejn sar il- kumment, wieħed ma jistax jikkonferma l-pajjiż minn fejn sar il-kumment. Fin- nuqqas ta' dan, inħoloq dubju ieħor f'dawn il-proċeduri, u ċioe jekk il-kumment sehhx mill-Gżejjer ta' Malta, il-lok li fuqu għandhom gurisdizzjoni I-Qrati ta' Malta,

- 52. Illi l-aqwa prova f'dan ir-rigward kellha tingieb minn PC 1551 Kenneth Mario Muscat mit-Taqsima tas-Cyber Crime, iżda li madankollhu ma figget fl-ebda punt la fix-xhieda tiegħu u wisq u anqas fir-rapport ippreżentat minnhu,

- 53. Illi għalhekk għal dawn ir-raġunijiet qiegħed jingħad li lanqas il-geo-lokazzjoni ma giet debitament ippruvata sal-grad rikjest fil-kamp kriminali sabiex tikkonferma li seħħ fil-Gżejjer ta' Malta,

- 54. Illi għalhekk għal dawn ir-raġunijiet jingħad li l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tghid li "l-imputat Johann Vella, permezz tal-profil ta' Facebook bl-isem Johan Beverley Vella, propju f'xi hin filgħaxija tat-2 ta' Marzu, 2023" u għaliex il-provi kollha li jippruvaw din is-sentenza huma mankanti u mingħajr ebda dubju żgur li ma lehqux il-grad rikjest fil-kamp kriminali;

**<u>It-Tieni Akkuża</u>**

- 55. Illi t-tieni akkuża tibda bılli tgħid: "U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzí" Jigi ritenut li ġialadarba ma ġiex debitament ippruvat 'lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li r-reat kontemplat taħt l-Artikolu 49(c) seħħ nhar it-2 ta' Marzu, 2023 fl-Gżejjer ta' Malta u kommess mill-appellant, mela allura dak kontemplat taħt l-Artikolu 82A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta żgur li ma seta' qatt jissussiti,

- **<u>Ix-Xhud Godwin Schembri</u>**
- 56. Illi m'huwiex kontestat li din il-kwistjoni għandha għeruq politiċi. Mix-xhieda ta' Godwin Schembri nnifsu ħareġ li huwa attivist tal-Għaqda Mhux Governattiva Repubblika, fil-fatt a fol 34 tal-proċess huwa jgħid "Jien attivist tar-Repubblika. Attivist fis-sens li nissapportja lir-Repubblika. Il-protesti tagħhom." F'diversi punti fix-xhieda tiegħu huwa jenfasizza li huwa habib tan-Nutar Robert Aquilina billi jgħid "huwa habib tieghi ukoll.", "Jiena plus li huwa habib tieghi u plus li jiena nkun attiv fid-dimostrazzjonijiet tar-Repubblika, huwa habib tieghi ukoll.", "Qed nithaddet fuq bniedem li jiena nammira"2. Saħansitra dan ix-xhud jasal biex jgħid li dak li jsir fil-konfront tan-Nutar Robert Aquilina ikun qiegħed isir lilhu;

- 57 Illi gialadarba x-xhud Godwin Schembri stess enfasizza l-fatt kemm huwa attivist u jsegwi l-għaqda Repubblika kif ukoll kemm huwa habib tal-kwerelant minħabba t-twemmin tagħhom, wiehed jistaqsi kemm ix-xhieda tiegħu għandha mis-sewwa għaliex dan ix-xhud jista' facilment ikun parzjali u inklinat lejn il-kwerelant minħabba t-twemmin politiku tiegħu u l-ħbiberija li huwa jhaddan,

- 58. Illi tant hu hekk li Godwin Schembri stess jgħid li "il-politika dik hi, li joqghodu jghajjru lil xulxin" fejn awtomatikament tinholoq xena fejn għandek żewġ (2) nahat opposti u allura dawk fuq naha minnhom ser jgħidu mod u dawk fuq in- naħa l-ohra ser jgħidu l-oppost. Gialadarba gie stabbbilit li Godwin Schembri jinsab fuq in-naħa tal-kwerelant, mela allura nħolqu dubji serji jekk ix-xhieda tieghu kellhiex verament mis-sewwa;

- 59. Illi minkejja dan kollhu, l-Ewwel Qorti m'għamlet l-ebda referenza li dan ix-xhud jista' ma jkunx wiehed imparzjali, anzi għamlet referenzi sostanzjali għax-xhieda tiegħu fis-sentenza tagħha,

- 60. Illi huwa propju għal dawn-ir-raġunijiet kollha għalfejn l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tgħaddi għall-konklużjoni "Illi ghalhekk, a bażi tar-riżultanzi proċesswali, il- konklużjoni hi li l-prosekuzzjoni irnexxiela tipprova l-każ taghha kontra l-imputat Johan Vella skont il-ligi.",

- 61. Illi jiġi rilevat li dawn il-proċeduri jinsabu fil-kamp kriminali fejn l-oneru tal- prova li jrid jintlaħaq huwa dak ta' 'lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Qed issir referenza għas-sentenza Il-Puliizja vs Peter Ebejer, deċiża fil-5 ta' Diċembru, 1997, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) qalet illi.

- "Ta' min ifakkar hawnhekk li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni. Ghamlet sew infatti l-ewwel qorti li ccitat b'approvazzjoni l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz "Miller v. Minister of Pensions" [1974] 2 All E.R. 372 tal- espressjoni "proof beyond a reasonable doubt";

- "Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against

a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence "of course it is possible but not in the least probable" the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice" (373- 374). ":

- 62. Illi fil-każ odjern il-provi lanqas biss laħqu l-livell ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, aħseb u ara kemm eliminaw kull dubju ombra, u dan kemm fir- rigward ta' meta sehh il-kumment, id-data li fih seħħ kif ukoll il-persuna li attwalment kienet qed tagħmel użu mill-profil 'Johan Beverley Vella' u konsegwentement li halliet il-kumment,

- 63. Illi qed issir ukoll referenza ghall-insenjament tal-Professur Mamo li jghid:

- "The main object of the rules of evidence is to secure, so far as it can be secured, that the evidence given in a judicial proceeding shall be true, and for that reason they require that the best evidence procurable of the matter in dispute shall be given and in a manner which will best ensure the object in view.... The rule as to the production of the best evidence is rigid, and the mind of the Court is alert to discover, when evidence of an alleged fact is tendered, whether it is not within the power of the person tendering it to produce better evidence of the same fact, and if the court is satisfied that better evidence can be produced it will insist upon the production thereof.. In the unavoidable absence of the best or primary evidence, the Court will accept what is known as secondary evidence. Secondary evidence is evidence which suggests on the face of it that other and better evidence exists. It follows that it will never be received until the party tendering it proves what it is out of his power to obtain other evidence...';

- 64. Illi in vista ta' dawn id-dubji kollha, u ġialadarba ninsabu fil-kamp kriminali, dawn għandhom jiġu lkoll interpretati a favur tal-imputat, u mhux l-Ewwel Qorti rat kif ghamlet sabiex tinjora dawn in-nuqqasijiet kollha u tgħaddi sabiex issib lill-appellant hati,

- 65. Illi qed issir referenza għas-sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt, deċiża fl-1 ta' Diċembru, 1994, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali tenniet:

- "Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa lı tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l- akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta mill-gurati, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il- Qorti huwa li tirrispetta dik id- diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet tiddisturba l-gudizzju tal-gurati, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."

- **C. Piena Erogata**
- 66 Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-argumenti precedenti, 1- appellant jirrileva illi l-piena mogħtija lilhu u ċice' dik ta' disa' (9) xhur prigunerija li bis-saħħa tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 ma tidħolx fis-seħħ jekk matul il-perjodu ta' tlett (3) snin mid-data tas-sentenza, l-appellant ma jikkommettix reat ieħor li għalih hemm piena ta' prigunerija flimkien mal-multa fis-somma kumplessiva ta' ħamest elef ewro (EUR 5,000) hija eċċessiva fil-każ odjern,

- 67. Illi fuq ton akkademiku, l-esponent ma jaqbilx kompletament ma' tali insenjament. Dan huwa minħabba li qabel mal-Qrati tal-Ewwel grad, fin-nuqqas ta' sistema ta' 'sentencing policy' rigida, ma' jżommux ċertu konsistenza u omogenita' fis-sentenzi tagħhom, allura bilfors li jkollok min jilmenta bhalma qed jigri fil-każ in eżami. In oltre, f'kull każ, Qrati tal-Appell xorta ghandhom jidħlu f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw il-piena inflitta kinitx eċċessiva jew le,

- 68. Illi qabel xejn għandu jiġi kkunsidrat li l-piena qatt m'għandha sservi sabiex titpatta l-ħsara li tkun iġġarbet mill-vittmi - jew mill-familjari tagħhom - kawża tas-sinistru;

- 69. Illi f'dan l-isfond ssir riferenza għas-sentenza Il-Pulizija vs Francis Mamo

- "Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta' fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjalı li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.

- Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.

- Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic- cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

- (...)

- lli mova car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil- karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il- bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.

- Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu;

- 70. Illi fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anton Vassallo deċiża mill-Onor Imhallef David Scicluna nhar id-disgħa (09) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) intqal hekk:

- "Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan 1-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll irriforma tal-istess hati. Skop iehor tal-

piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil- kaz ta' reati gravi, is- sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."

- Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi lappellant/l-appellat qieghed fit-triq it-tajba u qieghed jaghmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja mar- responsabbiltajiet tieghu. Is-socjeta ghalhekk ma tistax tigi protetta bl- inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl-ghajnuna ta' ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu, u dan anke billi jaghmel il-pagamenti opportuni lill- vittmi tieghu kif ukoll billi jrodd xi haga lis-socjeta' permezz ta' servizz fil- komunita'. Ghalhekk huwa l-kaz illi, minbarra ordni ta' kumpens, l-appellant/A- appellat accettanti, jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz sabiex ikun hemm ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal-probation filwaqt illi l-hati, permezz tal- hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu."

- 71. Illi in oltre fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs Massimo Abela deċiża mill-Imħallef Edwina Grima nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) intqal hekk:

- "Illi bosta drabi 1-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt, fost diversi decizjonijiet, fis-sentenza Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

- Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta 'kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera'; soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggioranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l-iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal- kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi informat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba."

- 72. Illi mbagħad fis-sentenza tagħha II-Pulizija vs Maurice Agius, il-Qorti tal-Appell Kriminali eżaminat in funditus meta qorti għandha timponi sentenza ta' priġunerija sospiża:

- "Fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Anthony Wood din il-Qorti (kif illum presjeduta) kienet spjegat kif Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha taffronta l-kwistjoni jekk ghandhiex timponi o meno sentenza ta' prigunerija sospiza, u dan kemm fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-qrati Inglizi u tal-ligi Ingliza kif kienet dak iz-zmien u precedentement, kif ukoll fuq l- iskorta ta' gurisprudenza lokali. Huwa car, anke fid-dawl tas-subartikolu (2) tal- Artikolu 28A, li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta

applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-legi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht 1- Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 284 u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat- tielet stadju, u cioe' biex jikkonsidra jekk għandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux angas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni (bhalma huma l-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7), gja' msemmi, tal-Artikolu 284, jew bhalma wiehed isib fl-Artikoli 337A u 22(9) tal-Kapitoli 9 u 101 rispettivament); jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il- periodu operattiv taghha (cioe' ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il- hati).

- Huwa minnu li, kif jispjega l-Professur David Thomas fil-ktieb tieghu Principles of Sentencing "[the] difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered." Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija (ta' Anthony Wood) hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi

precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f'kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika 1-piena "normalı" preskritta mill-ligi ta prigunerija b'effett immedjat. Fi kliem iehor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux neccessarjament, pero, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l- eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b'effett immedjat).

- Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x'inhi jew x'tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il- koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal- investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix faktar spejjez), 1-impatt tas-sospensjoni jew tan-muqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta', jekk il-persuna misjuba hatja hiz perikoluza u/jew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat lehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra. Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta u tar-reazzjoni tas-socjeta' ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa 1-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil- gazzetti jew f'xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addoce ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza R v. Sargeant:

- "Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."

- 73. Illi in oltre 1-esponent jagħmel referenza ghall-ktieb bl-isem ta' Principles of Sentencing (Heinemann, London, 1979), ta' David Thomas, fejn intqal illi:

- "The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentence. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character" (p.236)

- 74. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-tnejn u għoxrin (22) t'Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) fl-ismijiet Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk, Maalem Abderrahmane, Lazhari Zamouche' gie kkunsidrat li:

- "Peress li dan huwa appell limitat biss għall-piena inflitta, din il- Qorti trid tistharreg jekk il-Qorti tal-Magistrati setghetx legalment u ragonevolment tasal ghas-sentenza tagħha billi tanalizza jekk il- piena inflitta minn dik il-Qorti kienetx taqa' fil-parametri legali, jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju, jew jekk kienetx manifestament eccessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal- Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

- It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):

- "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side - an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."

- This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

- Fi ftit kliem, jispetta lill-Qorti tal-Magistrati li tiddeċiedi fuq il-fatti tal-każ, fuq jekk l-imputat ikunx hati jew le, u jekk hati, x'piena għandha tingħatalu. Jekk il- Qorti tal-Maġistrati ma tkunx hadet xi żball fl-analizi tal-provi jew tal-Ligi, allura s-sentenza taghha tibqa' torbot u din il- Qorti ma tistax taqbad u tbiddilha jew thassarha jekk ma jkunx hemm raġuni valida għaliex. Jekk pero l-Qorti tal- Magistrati tkun hadet xi żball, imbagħad din il-Qorti għandha d-dmir li dak l- izball tirrangah.

- Din il-Qorti trid tanalizza wkoll jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas- sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb, dečiža nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bhala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza moghtija mill- Qorti tal-ewwel istanza sempliciment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet ghola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga 1- piena. Biex l-appell jirnexxi, kien mehtieg li l-appellant juri li l-piena moghtija mill-Qorti tal-Magistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma zbaljati fil-principju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni horox għal xi Gudikanti. Biex piena moghtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tigi mibdula jrid jigi pruvat li kien hemm xi żball fil-principju meta giet emanata dik il-piena.

- Il-gustifikazzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet principji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti principali, jiġifieri l-effett:

A. Retributtiv;

B. Preventiv; u

C. Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena

- L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali soċjali ghal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara lis-soċjeta bil- kommissjoni tar-reat. U s-soċjeta teżiġi li l-hati jagħmel tajjeb ghall- azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' tagħha.

- L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi ghal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'mohh is-soċjeta, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem iehor, minħabba l-biża li tehel il-piena, persuna tiġi mgeghela tixtarr sew il- konsegwenzi t'egħmilha qabel ma twettaq l-att kriminuż.

- L-aspett preventiv għalhekk huwa duplici: wiehed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, is- soċjeta tiġi kemm jista' jkun imrażna milli tikkommetti reati minħabba l- biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab hatja. Aktar ma dik il-piena tigi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv generali jkun lahaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika ghall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'ohra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Ligi. Jekk is-soċjeta

titlef din il-biza mill-piena minħabba li l-Ligi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall- fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġieghel lill- membri tas-soċjeta milli jiddeżistu għax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza zghira, isir konvenjenti għall-membri fi ħdan soċjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzí nefasti għall- interessi tal- kollettivita'. Is- soċjeta allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikači meħtieġ ghall-eżistenza pačifika tagħha stess. Altrimenti, il- kollass.

- Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija specifika tal-hati u li għaliha tkun immirata l- azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir- rijabilitazzjoni tal-hati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għas-soċjeta in kwantu jghin lill-hati jghaddi minn proċess ta riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jaghraf iqum fuq saqajh, jibni hajtu mill-gdid u ma jibqax aktar ta' theddida ghas- soċjeta bhal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

- F'dan il-kuntest il-piena ghandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il- hati. Biex dan 1- ghan jintlaħaq, il-hati ghandu jsib dawk l-istrutturi mahsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jigi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imheġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jahdem biex ikollu biex jerġa jibni hajtu u jgħix diċenti, ma jkollux ghalfejn jiddelinkwı u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, ghalkemm għandha effikačja repressiva."

- 75 Illi bir-rispett jiġi sottomess illi l-effett deterrenti tal-kamp penali li ħadet in kunsiderazzjoni l-Ewwel Qorti huwa wieħed esagerat u dan meta wieħed iqis illi llum il-ġurnata huma bil-bosta l-insenjamenti mill-Qorti tal-Appell Kriminali dwar l-importanza li l-piena għandna tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-6 ta' Mejju, 2024 wara liema seduta l-kawza giet differita ghas-sentenza.

**<u>Ikkunsidrat.</u>**

Illi fl-ewwel lok l-appellant jecepixi lis-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti hija nulla u dan minhabba l-fatt li t-trattazzjoni moghtija quddiem l-ewwel Qorti ma gietx traskritta u in oltre ghaliex fis-sentena ma hemm l-ebda motivazzjoi li waslet lil Qorti ssib lill-appellant hati. Fir-rigward l-ewwl parti ta' dan l-aggravju jinghad li imkien fil-ligi ma hemm miktub li t-trattazzjoni li ssir f'kawza trid issir bil-miktub. Il-kapitolu 284 imsejjah Att Dwar Ir-Registrazzjoni Elettro-Manjetika Ta' Procedimenti imkien ma jghid li t-trattazzjoni li ssir quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali f'kawza somamrja ghandha tigi traskritta. Bizzejjed jinghad dak li jipprovdi l-artikolu 3 (1) ta' l-istess Att u cioe:

> *3.(1) Minkejja kull disposizzjoni f'xi liġi oħra, kull qortit ista' tordna li l-proċedimenti tagħha jew xi parti minnhom jiġu reġistrati b'mezzi elettro-manjetiċi.*

Din il-Qorti tirrileva li mhiex tassattiva li l-Qorti tordna li l-proceduri jigu registrati b'mezzi elettro majetici , u dan ghaliex l-ligi tuza il-kelma 'tista' li hija fakoltativa. Pero oltre dan l-kodici penali jipprovdi fl-artikolu 377 li *'Meta jingħalaq is-smigħ tal-kawża, il-qorti, dak in-nhar stess, jekk jista' jkun, tagħti s-sentenza, billi tillibera jew tikkundanna l-*

*imputat'*. Ghalhekk imkien fil-ligi ma hemm miktub li it-trattazzjoni li ssir quddiem l-ewwel Qorti ghandha tigi traskritta.

L-appellant jargumenta ukoll li s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma ghamlet l-ebda referenza ghat-trattazzjoni li saret quddiemha u ghalhekk is-sentenza hija nulla. Dwar il-kwistjoni ta' nuqqas ta' motivazzjoni fis-sentenza tal-ewwel Qorti, din il-Qorti ghal darb ohra tispjega is-segwenti: _

Din il-Qorti diga' kellha okkazzjoni li tesprimi ruha dwar nuqqasijiet simili fejn intqal Illi din mhux l-ewwel darba li minn din l-awla partikolari tal-Qrati tal-Magistrati qed jigu quddiemha sentenzi fuq kawzi dwar reati serjissimi privi mill-icken ombra ta' motivazzjoni w kellha okkazzjoni tirrimikarka avversament fuq din il-prassi w b' rinkrexximent kbir ser ikollha terga tirrepeti dak li rriteniet fl-appell kriminali: **<u>Il-Pulizija vs. Joslann Brignone</u>**[1] :-

> "…. din il-Qorti thossha …fid-dmir li taghmel l-osservazzjoni segwenti. Qed jigri ta' spiss fil-Qrati tal-Magistrati - w partikolarment fl-awla li minnha emanat is-sentenza appellata - li kawzi ta' certa portata w gravita' qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni kwalsiasi. Illi hu minnu li, kif inhi l-ligi - bl-emendi kollha bis-sulluzzu li saru fil-Kodici Kriminali f'dawn l-ahhar tlitt decenni w li mhux dejjem saru b' koerenza mall-hsieb inizjali tal-Kodici kif kien koncepit - in-nuqqas ta' motivazzjoni ma jgibx per se in-nullita' expressis verbis ta' tali sentenzi ghax il-motivazzjoni mhix wahda mir-rekwiziti mehtiega ad validitatem fl-art. 382 tal-Kodici Kriminali. Dan ghaliex meta saru dawn l-emendi kollha, ma saret ebda emenda li tkopri l-kontenut ad validitatem ta' sentenziu f' kawzi fejn l-akkuzi jkunu johorgu mill-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif kontemplata fl-art. 370 tal-istess Kodici w partikolarment fejn jew l-Avukat Generali jkun ta l-kunsens tieghu biex jigu decizi bi proceduri sommarji jew fejn, wara li l-atti tal-

[1] Deciz nhar it-8 ta' Frar 2007

kumpilazzjoni jigu rimessi lilu, jipprezenta n-nota bl-artikoli li tahthom jidhirlu li tista' tinstab htija biex il-kaz, fl-assenza ta' oggezzjoni tal-imputat, jigi gudikat minn dik il-Qorti. Jidher li hemm lok li ssir emenda li biha jkun rikjest li ssir xi forma ta' konsiderazzjoni, hsieb jew moitivazzjoni f' dawn is-sentenzi. Pero' mhux l-ewwel darba li - kif gara f' dan il-kaz – f' din l-Awla partikolari, kawzi serjissimi qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni w cioe', wara li jigi rikapitulati l-akkuzi, il-Qorti tghid :-

"Ikkonsidrat"

"…. issib jew ma ssibx htija skond l-akkuzi. "

Illi tali stezura, ……. zgur li hija ghal kollox karenti minn dak li hu mistenni ordinarjament mill-gudikant meta jkun qed jiddeciedi kawzi bhal dawn u taghmilha difficli kemm ghall-parti vincitrici li ssostni w tiddefendi s-sentenza appellata kif ukoll ghall-parti sokkombenti li tintavola appell kontra motivazzjoni fantomatika, li forsi tkun tezisti biss f'mohh il-gudikant. Inoltre fejn il-Qorti tal-Appell thoss li jkun il-kaz li tikkonferma s-sejbien ta' htija w l-piena erogata, jkollha ta' spiss taghmel ix-xoghol tal-Qorti tal-Magistrati hi stess billi timmotiva ghall-ewwel darba tal-sejbien ta' htija w piena. Din il-prattika ghalhekk hija wahda rregolari w trid tigi evitata ghax qed twassal ghal stultifikazzjoni tal-operat tal-Qorti involuta." (ara ukoll App. Krim. **<u>Il-Pulizija vs. James Grima</u>**[2]

Pero', sakemm issir emenda opportuna, ma hux il-kaz li sentenzi ta' din ix-xorta jigu annullati w l-Qorti tal-Appell Kriminali tkun trid tghaddi biex tevalwa mill-gdid il-provi minghajr il-beneficcju li tkun taf il-punto di partenza li jkun iggwida lill-Ewwel Qorti biex tasal ghall-konkluzzjonijiet taghha. Ghalhekk sa hawn tista' tasal din il-Qorti fir-rigward tal-ewwel aggravju tal-appellant.

[2] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-8 ta Marzu 2007

Illi t-tieni aggravju jew serje ta' aggravji jirrigwardaw biss l-apprezzament tal-fatti li setghet ghamlet (mentalment – ghax fis-sentenza ma hemm xejn) l-Ewwel Qorti. Issa l-principju regolatur huwa li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f' dan is-sens "*inter alia*" l-Appell Kriminali : **Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**[3]. ; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi** [4]; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace** [5] ; **Il-Pulizija vs. Anthony Zammit** [6] u tant sentenzi ohrajn .

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **R. v. Cooper** [7] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968): -

> *"Assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the*

[3] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Frar 1989
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991
[7] 1969] 1 QB 276

*transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed.[8]"*

F'dan il-kaz, fl-assenza assoluta ta' motivazzjoni, din il-Qorti ghamlet ezami approfondit mill-gdid tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija dwar it-tieni imputazzjoni dedotta kontra l-appellant.

L-Ispettur Dorianne Tabone xehdet nhar is-27 ta' Noembru, 2023 (fol. 21) u kkonermat l-akkuzi li harget fil-konfront tal-appellant, kif ukoll l-okkorenza esebita minnha u l-istatement li hadet tal-appellant nhar l-4 ta' Marzu 2023 fl-ufficcju taghha. Tghid li l-appellant kien inghata d-drittijiet tieghu fejn kien hemm prezenti ukoll. Gharfet ukoll l-kwerela esebita fl-atti li kienet giet mibghuta minn Robert Aquilina. Hemm ukoll il-kumment li gie ippostjat fuq Facebook fuq il-profile ta Johann Vella li huwa bl-isem ta Beverly Vella. Hemm ukoll kopja tac-certifikt tat-twelid ta' Johann Vella u tal-kondotta tieghu.

Tghid li wara li ircevew il-kwerela minghand Robert Aquilina li kienet baghtet ghall-appellant.

**Nutar Robert Aquilina** xehed nhar is-27 ta' Novembru, 2023 u spjega li nhar l-1 ta' Marzu, 2021 kien ghamel konferenza tal-ahbarijiet quddiem l-ufficcju pubbliku tal-ex Prim Ministru Dr Joseph Muscat f'San Maison. L-ghada 2 ta' Marzu, 2023 kien gie infurmat minn Gowin Schembri li certu Johan Vella li juza profil ta' Facebook ta' Johann Beverely Vella kien ghamel kumment taht dan il-post ta' Godwin Schembri kien jirreferi ghalih u kien fih ritratt tieghu ukoll. Il-kumment kien jghid hekk "Bir-rispett kollu kieku jigi pulcinell bhal dan iwahhalli imbarazz ma' hwejgi, landa actu nitfghalu. B'liema jedd imur jmur jghamel vendikazzjoni ma' bieb tan-nies. Min jahseb li hu, ja landa skart." Huwa dan interpretah bhala theddida u bhala forma ta'

[8] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392

incitement ghal vjolenza kontrih. Ghalhekk nhar it-3 ta' Marzu, 2023 ghamel rapport lil Korp tal-Pulizija. Jghid ukoll illi kummenti bhal dawn ihallu effett fuq il-hajja tieghu ta' familtu u jkomplu jinstigaw ambjent ta' mibgheda fil-konfront tieghu u ta familtu li jwassal ghal certu perikolu fil-konfront taghhom. Dan ghaliex ikun hemm min, mill-kliem jghaddi ghal fatti. Jghid li graw l-incidenti anke ricentment fejn per esempju persuna twaqqaf il-karozza teighu meta ikun ghaddej bil-familja tieghu mal-mara u t-tfal. Jew ikun ghaddej f'post pubbliku u dak li jkun jigi jippoppa sidru u jaffrontah.

Jghid li huwa interpreta dan il-kumment bhala theddida kif ukoll bhala incidtement ghal vjolenza fil-konfront taghhom. Kumment bhal dan ikompli jinstiga l-livell ta' mibgheda u vjolenza. Huwa kkonferma il-kwerela tieghu esebita fl-atti. In kontro esami jghid li meta ghamel il-press conference huwa ghamilha fil-kapacita' tieghu ta' President tal-NGO Republika. Ghamilha fil-kuntest tal-fatt illi kienet ghadha kif inghatat decizjoni mill-Qrati Maltin dwar il-biegh frawdolenti ta' tlett sptarijiet Maltin. Li allura fiha jissemma l-ex Prim Minsitru Dr Joseph Muscat u kien ghalhekk li ghamel il-press conference quddiem l-ufficcju tieghu. Bil-kliem li kien hemm fil-post ftakar fil-mafia li tuza l-actu biex teqred in-nies. Minn zmien ghal zmien kellu ukoll jitlob il-protezzjoni tal-pulizija liema protezzjoni tinghata lilu parzjalment.

**Godwin Schembri** jghid li kien offra l-assistenza lin-Nutar Robert Aquilina. Beda ix-xhieda tieghu billi qal li huwa attivist fl-NGO Republika fis-sens li jissapportja lil din l-NGO u l-protesti taghhom. Jghid li man-Nutar gieli jiltaqa' ghal café u gieli jmur ghandu ukoll sabiex jitkellmu fuq certu issues. Jghid li n-Nutar Aquilina jilqa' lil kulhadd gewwa daru. Illum jghid li n-Nutar sar habib tieghu u jemmen fil-kawza tieghu. Jghid li jtella hafna posts tieghu u jixxarja hafna links tieghu u dan ghaliex jammira dak li jikteb. Fit 2 ta' Marzu 2023 tellgha post fuq Facebook fejn kiteb zewg sentenzi. Bil-paroli fuq Facebook biss ma tnaddafx ismek. Ghal Joseph Muscat jigifieri. Tnaddaf ismek biss meta bhal hafna bil-provi, tmur il-Qorti u ticcalingja li min jiccalingjak. Issa hawnhekk tellgha ritratt ta' meta n-Nutar Robert Aquilina kien mar mhux fuq il-bieb ta' Joseph Muscat, fuq bieb tal-ufficcju fejn jahdem li huwa post pubbliku. Jghid li n-Nutar mar iwahlu mhux mal-bieb tieghu. Mar wahhallu tabella

bil-kliem Joseph Muscat Kien korrott. Huwa kien tellgha dan il-post fuq Facebook bir-ritratt. Issa spjega li kien hemm min jghamillek like, ikun hemm min jghamillek *angry face reaction*, ikun hemm min joffendik u ikun hemm min jibghatlek private message. Jircievi hafna per ezempju hassar minn hemm sa dakinhar stess kien ircieva messagg fejn qallu din il-mibgheda kollha. Ix-xhud pprezenta dokument li gie mmarkat bhala Dok GS1 u dan fuq l-istess thread. Jghid li jiehu gost imeri u jikkombatti fuq il-messaggi li jircievi. Qal li dik hi l-politika li joqghodu jghajru lil xulxin. Qal li ken dahal kumment ta' certu Beverly Johann Vella li kien friends mieghu fuq Facebook. Qal li dan hu patriot u itella' messaggi fuq patriottismu. Itella l-bandiera ta' Malta u darba minnhom irrimarka ukoll fuq xi triq fejn kienu qed isiru xi tiswijiet. Kien jarah open minded u ghalhekk kienu friends. Izda jghid li huwa fanatiku ta' Dr Joseph Muscat u tal-Partit Laburista. Qal li ghandu hafna hbieb hekk u anke membri tal-familja tieghu u ma jisthix jghid dan.  Pero dahhal kumment u nhasad bih. Qal li kieku jien pulcinell bhal dan u nwahhal l-imbarazz ma hwejgi…. diga zbaljajt ghax hemmhekk…landa actu inwaddablu. B'liema jedd irid jghamel vandalizmu ma bieb tan-nies? Min jahseb li hu dan, landa skart? Huwa wiegbu jekk kienx qed jithaddet fuq siehbu li jattendi l-protesti tieghu u li jammira... Il-kumment ta' Johann Vella gie markat bhala dok GS2 u esebixxa dokument bhala ricerka tieghu li gie mmarkat bhala Dok GS3... Dan l-actu hu arma li giet banjata fis-sena 1925 mill-gwere. Qal li kien halla dan il-comment fuq il-wall tieghu ghal xi seba' sieghat u bdew jibghatukulu n-nies. Huwa hass li n-Nutar kien qiegehd fil-perikolu u kien qallu bih.

L-ghada kien kiteb kumment fuq il-Facebook tieghu bla solidarjeta li min kien qieghed joffendi lin-Nutar Aquilina jew sahansitra heddu kien qed jghamel hekk lilu. Insista li affarijiet bhal dawn m'ghandhomx jidhru fuq il-medja kkonferma li kien hu li tellgha l-ewwel post fuq il-wall tieghu u ixxarjah. Ikkonferma li huwa l-amministratur tal-page tieghu. Ikkonferma li l-kumment ma nehhiehx u hallieh hemm biex jara jekk inehhiehx hu. Jghid li kienu rawh hafna nies dan il-kumment imbaghad tnehha pero ma jafx minn min.

Rat ix-xhieda ta' PC 1551 Kenneth Mario Muscat li xehed nhar t-30 ta' Novembru, 2023. Jghid li huwa kien involut fl-investigazzjoni mizmuma mis-Cyber Crime Unit. Nhar l-4 ta' Marzu 2023 kienu ircevew email sabiex jipprezervaw post li kien ippostjat minn Godwin Schembri. Ipprezenta r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala dok KMM1 u CD relattiv li gie mmarkat bhala Dok KMM2. Ikkonferma li kien ippreserva kemm l-URL tal-post u kif ukoll dik tal-persuna ta' Godwin Schembri.

L-appellant Johann Vella ma xehedx kif kellu kull dritt izda kien irrilaxja stqarrija *a tempo vergine* tal-investigazzjoni nhar l-4 ta' Amrzu 2023, liema stqarrija tinsab esebita fl-atti a fol. 4 et seq. Minn esami tal-istess jirrizulta li huwa ghazel li ma iwiegeb ghall-ebda domanda li giet maghmula lilu.

**<u>Ikkunsidrat.</u>**

Illi bhala fatt jirrizulta bic-car u dan ma hux kontestat li l-appellant kiteb kumment taht post li kien ghamel Godwin Schembri fuq Facebook kif rapportat a fol 41 tal-atti u cioe is-sewenti post: -

"*Bir-rispett kollu kiku jigi pulcinel phal dan iwahhali limbarazz ma hwejgi landa actu nitfalu blima jedd imur jamel vandalizmu ma biex in-nies min jahseb li u la landa skart*." Illi ma hemmx dubju ukoll li dan il-kumment kien dirett lin-Nutar Robert Aquilina li kien qed jagixxi ghan- nom u fl-interess tal-NGO imsejjha Republika li taghha fiz-zmien ta' meta sar l-kumment kien ghadu President taghha. Jirrizulta ukoll u dan mhux konttat li dan il-kumment inqara minn divesi segwaci li l-istess Godwin Schembri ghandu bhala hbieb fuq Facebook.

Illi l-kontenut tal-messag hu wiehed ta' theddid billi jghid li ser jitfa landa actu fuq in-Nutar u jghajru ukoll li hu landa skart. Dawn it-tip ta' kummenti m'ghandhomx posthom f'socjeta civili u demokratika u zgur li din il-Qorti ma hiex ser tittolera agir abbusiv u intimidanti bhala dan fuq media socjali. Huwa agir li ghandu jigi kundannat u ristrett.

L-akkuza principali moghtija fil-konfront tal-appellant hija dik ta' tixwix għal mibegħda razzjal kif dispost fl-artikolu 82A tal- kodici kriminali jinghad li sabiex jissusti dan ir-reat hemm bzonn kemm l-actus reus kif ukoll dak ta' mens rea bhal f'kul reat iehor. L-actus reus jikkonsisti fl-uzu ta' kliem ta' theddid, abbusiv jew insolenti waqt li l-mens rea ta' dan ir-reat jikkonsisti fl-intensjoni, ix-xjenza li tkun qed tqajjem vjolenza jew mibgheda kontra xi persuna ohra minhabba ir- razza jew l- origini etnika taghha.[9]

Illi l-akkuzat appellant huwa akkuzat bir-reat ta' tixwix ghal mibgheda razzjali u ghalhekk isegwi li din il-Qorti trid tara xi tfisser t-tifsira 'mibgheda razzjali'.

Il-Kodici Kriminali taghna jaghti tifsira dwar it terminologija 'mibgheda razzjali' u dan fis-sub artikolu (2) tal artikolu 82A tal-Kodici Kriminali li jipprovdi is-segwenti: -

> *""vjolenza jew mibegħda" tfisser vjolenza jew mibegħda razzjali jew reliġjuża kontra persuna jew grupp ta' persuni f'Malta definiti b'referenza għall-ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini nazzjonali jew etnika, ċittadinanza, reliġjon jew twemmin* ***jew opinjoni politika jew opinjoni oħra***[10]*".*

Illi ghalhekk, fid-dawl ta'dak li ntqal aktar 'l fuq, il-Qorti trid tezamina d-diskors tal-appellant biex tara jekk b 'dak li qal, hu kienx qed jippregudika t-twemmin ta' terzi persuni li ghandhom ***opinjoni politika jew opinjoni oħra*** minn dik tieghu. Illi ma hemmx dubju li l-agir tal-appellant jikkonfigura proprju f'dan ir-reat u dan ghaliex l-kliem li ktieb fil-konfront tal-persuna Nutar Aquilina kien proprju dak ta' aggressivita, theddid u ta' mibgheda. **Fil-fehma tal-Qorti m'għandux jkun hemm l-**

[9] Vide Il-Pulizija vs Joseph Apap deciz minn din il-Qorti fis-17 ta April 2019
[10] Enfasi ta din l-Onorabbli Qorti

**<u>ebda dubju li fi kwalunkwe soċjeta ċivilizzata kliem bħal dak li ntqal mill-appellant għandu jitqies bħala kliem li jqajjem vjloenza jew mibgheda kontra persuni minhabba l-</u>*opinjoni politika jew opinjoni oħra*<u> taghhom u m'għandu qatt jiġi aċċettat fl-ebda ċirkostanzi. Dan l-atteggjament m'ghandu l-ebda lok f'dan il-pajjiz u zgur mhux ser isib xi forma ta' hniena minn din il-Qorti. Il-Qorti bis-sentenzi qed hemm biex tipprocedi lic cittadini kemm jekk huma ta nazzjonalita Maltija kif ukoll barranin inkluz dawk ta' razza u origini etniku differenti. Ghalhekk ir-reat kif dispost taht l-artikolu 82A jissusisti. Is-socjeta trid tifhem li hemm min ghandu opnijoni differenti fil-pokitika u din trid tigi accettata bla ebda biza li ser tintuza xi vjolenza jew theddid. Kulhadd ghandu id-dritt li ollu it-twemmin tieghu bla tfixkil. Illi fil-fehma tal-Qorti il-kliem li intqal kienu diretti lejn grupp ta' nies li huma segwaci tal-NGO Republika kif diretta min Nutar Robert Aquilina.</u>**

Dwar l-ewwel reat u cioe uzu, hux xieraq ta network jew apparat ta komunikazzjoni elettronika jinghad li l-appellant kiteb il-kliem dispreġjattiv tramite' il-paġna tiegħu tal-Facebook, liema kliem kienu insolenti li setgħu joħolqu mibegħda u/jew disprezz fil-qarrejja, kif ingħad. Tant hu hekk li wara l-kumment tieghu jirrizulta li kien hemm bosta kummenti ohra li baqghu ghaddejja b'mod dispreggjattiv jinsulentaw lin Nutar kif sostna George Schembri fix-xhieda tieghu li qatt ma giet kontradetta. Ghalhekk din l-ewwel akkuza tirrizulta ukoll.

L-appellant fl- aggravju ahhari tieghu jghid li l-piena fic-cirjkostanzi hija wahda eccessiva u sproporzjonata ghall-ghemil tal-appellant. Kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell Kriminali tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **<u>The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek</u>** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

*It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*

*"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus, in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga lpiena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l- emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni.

Fil-kaz in desamina l-piena applikabbli ghar-reat magguri u cioe dak ta 'mibgheda razzjali 'kif disposta fl-artikolu 82A tal-kap tal-ligijeit ta Malta f'kaz ta htija il-piena hija wahda ta' priġunerija minn sitt (6) xhur sa tmintax (18)-il xahar. Filwaqt li l-ewwel reat igorr piena ta' multa ta' mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) skond l-artikolu 49 (c) tal-kap 399 tal-ligijiet ta' Malta. Issa fil-kaz in desamina l-ewwel Qorti ghogbitha tkkundanna lill-appellant ghall-piena ta disa' xhur izda bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ordnat li s-sentenza ta' prigunerija ma

tidholx fis-sehh jekk hlief matul il-perijodu ta' tlett snin mid-data tas-sentenza l-appellant jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija flimkien ma' multa fis-somma komplessiva ta' hamest elef euro (€5,000)). Ghalhekk jidher car li l-piena inflitta ma inghatatx lejn il-massimu taghha. Ghalhekk fic-cirkostanzi tal-kaz din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba l-piena nflitta. B'dan pero ai termini tal-artikolu 14 (2) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta qeda taghti l-fakolta lill-appellant ihallas l-multa inflitta b'rati mensili u konsekuttivi ta' €140. F'kaz li l-appellant ma jkunx puntwali fil-pagamenti tieghu l-bilanc jigi konvertit fi zmien ta' prigunerija skond il-ligi.

Ghaldqstant din il-Qorti qeda tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward tal-mertu kif ukoll fir-rigward tal-piena inflitta.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**